**REGJUN XLOKK**

VALLETTA, BIRGU, ISLA, BORMLA, HAZ-ZABBAR, ZEJTUN, FGURA, FLORIANA, KALKARA, MARSA, MARSASKALA, MARSAXLOKK, PAOLA, HAL-TARXIEN, XGHAJRA.

# MINUTI

## Laqgħa tar-Regjun Xlokk

## Laqgħa Nru. 10/2018 tat-Tielet Amministrazzjoni

Data: 22 ta' Mejju 2018

Ħin: 17.30

Post: Ufficcju Amministrattivi tar-Regjun Xlokk, f' 97 Triq Santa Marija, Tarxien.

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Chev Paul Farrugia** | President u Sindku | Reġjun Xlokk/Kunsill Lokali Tarxien | PREŻENTI |
| **Sur Lawrence Attard** | Kunsillier | Kunsill Lokali Birgu | PREŻENTI |
| **Sra. Alison Zerafa Civelli** | Sindku | Kunsill Lokali Bormla | PREŻENTI |
| **Sur Vincent Borg** | Viċi Sindku | Kunsill Lokali Floriana | PREŻENTI |
| **Sur Pierre Dalli** | Sindku | Kunsill Lokali Fgura | PREŻENTI |
| **Sur Clive Pulis** | Viċi Sindku | Kunsill Lokali Isla | PREŻENTI |
| **Sra Speranza Chircop** | Sindku | Kunsill Lokali Kalkara | SKUŻATA |
| **Sur Francis Debono** | Sindku | Kunsill Lokali Marsa | ASSENTI |
| **Sur Horace Gauci** | Sindku | Kunsill Lokali M'xlokk | PREŻENTI |
| **Sur Charlot Mifsud** | Kunsillier | Kunsill Lokali M'skala | PREŻENTI |
| **Sur Domenic Grima** | Sindku | Kunsill Lokali Paola | SKUŻAT |
| **Sur Vince Farrugia** | Kunsillier | Kunsill Lokali Valletta | PREŻENTI |
| **Sur Anthony Valvo** | Sindku | Kunsill Lokali Xgħajra | SKUŻAT |
| **Sur Marc Vella Bonnici** | Sindku | Kunsill Lokali Zabbar | ASSENTI |
| **Sinj. M. Doris Abela** | Sindku | Kunsill lokali Zejtun | PREŻENTI |
| **Sna Antonella Galea** | A/Segretarju Eżekuttiv | | |

AĠENDA

10.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

10.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

10.3 Komunikazzjoni mill-President;

10.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tar-Rappreżentanti;

10.5 Skema għoti mill-Ġdid ta' Tarmak;

10.6 Rapporti;

10.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti Nru. 80/2018;

10.8 Mozzjonijiet;

10.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**TALBA**

**Il-President qal it-talba u ppresieda l-laqgħa.**

## 10.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġijia

Ittri ta' Apoloġija

i. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kumitat Reġjonali li l-Kunsilli ta' Kalkara, Xgħajra u Paola, kienu avżaw sabiex jitolbu li jkunu skużati mil-laqgħa minħabba impenji oħra.

i.i Il-Kumitat Reġjonali Xlokk ħa nota u approva li l-Kunsilli ta' Kalkara, Xgħajra u Paola jkunu skużati mil-laqgħa minħabba impenji oħra.

## 10.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Iffirmar Minuti

i. Peress li l-Minuti tal-Laqgħa ta' April numru 09/2018 kienu ġew iċċirkolati minn qabel, il-President staqsa jekk jistgħux jiġu kkunsidrati bħala moqrija u talab l-approvazzjoni tal-Kumitat.

Il-Kumitat approva l-Minuti 09/2017, liema Minuti ġew iffirmati mill-President u mill-Agent Segretarju Eżekuttiv.

## 10.3 Komunikazzjoni mill-President

Każ Ex Seg. Eżek. Joan Mangion

**i.** Il-President Paul Farrugia nforma lis-Sinjuri membri dwar il-każ tal-Ex Segretajru Eżekuttiv Joan Mangion. Qal li dan il-każ kien beda jinstema fil-QORTI nhar is-7 ta' Novembru 2017 fejn is-Sra Mangion kienet xehdet u tat il-verżjoni tagħha filwaqt li kienu leħqu xehdu wkoll is-Sur Anthony Valvo Sindku tax-Xgħajra kif ukoll s-Sur Adrian Mifsud Direttur DLG. Żied jispjega l-President li din il-kawża issa reġgħet kienet ġiet differita għal Ottubru

LESA

**ii.** Il-President nforma lill-Kumitat li l-LESA kienet għada mhix qed tħallas ir-*running costs* imma kienet qed tirrifondi biss is-salarji tal-impjegati. Żied jispjega li f'laqgħa kemmxejn imqanqla li saret bejn il-Presidenti tal-ħames Kumitati Reġjonali flimkien ukoll mal-Presdent tal-AKL konna ġejna mitluba sabiex kull Reġjun jippreżenta lista ta' spejjeż mill-2015 sa issa li kienu dovuti lir-Reġjuni mingħand il-LESA sabiex dawn jgħaddu lill-Ministru waqt laqgħa li għad għandha ssir apposta. Qal ukoll li s-Sur Fava kien diġa għamel kuntatt mal-Ministru u li kien irraporta li kien qallu li ladarba dawn il-fondi kienu mwiegħda lir-Reġjuni dawn kellhom jiġu rifużi.

Ħaddiema assenjati mal-Kunsilli Lokali

**iii.** Il-President Paul Farrugia nforma lill-Kumitat li l-ħaddiema assenjati mar-Reġjun Xlokk kienu ser imorru l-Furjana f'Ġunju.

URBACT

**iv.** Il-President Paul Farrugia spjega li għal-laqgħa li kienet saret f'Nicosia ċ-Ċipru bejn l-14 u 15 ta' Mejju, kienu attendew ħames membri.

Il-Kunsillier Lawrence Attard qal li proprja dik il-laqgħa saret għaliex Ċipru għalkemm ma kenux imdaħħlin fl-URBACT pero peress li kienu qed jagħmlu proġett simili talbu biex issir laqgħa fejn fiha jkunu mistiedna membri li kienu involuti f'dan il-proġett tal-URBACT. L-organizzaturi Olaf u Claus kienu kitbu u ġabu l-permessi neċessarrji. Żied jispjega s-Sur Attard li issa għandu jsir dokument finali.

Il-President qal li sadanittant flimkien mal-kordinatur Malcolm Borg sar dokument tas-SUMP u dan ser jgħaddi għand persuni li jistgħu jaħdmu fuqu u jgħinuna fih.

**v.** Il-President informa lill-Kumitat li fir-rigward tal-inizjattiva finanzjarja ta' €500,000 li kellha tinqasam bejn il-ħames Reġjuni dwar għoti mill-ġdid ta' tarmak lill-toroq fir-responsabbilta' tal-Kunsilli Lokali, kien sar avvanz dan għaliex kienet saret laqgħa bejn is-Segretarju Permanenti, id-Diretttur mid-DLG responsabbli mill-Iskemi s-Sinjura Marisa Pisani, il-President tal-AKL, ir-Reġjun Nofsinhar flimkien miegħu bħala President tar-Reġjun Xlokk. Żied jispjega l-President li huwa kien spjega s-sitwazzjoni kollha sabiex wasalna s'hawnhekk u s-Segretarju Permanenti kien aċċetta l-mottivi tiegħi u għaldaqstant kien talab lid-Direttur sabiex tmexxi u r-Reġjun Xlokk jingħata wkoll il-fondi. Hawnhekk il-President talab lir-rappreżentanti tad-9 Kunsilli li kienu pparteċipaw sabiex minnufih ladarba ngħaddulhom dokumenti relatati dawn jiffirmawhom u jibgħatuhomna lura b'dak li hemm bżonn. Inizjattiva Finanzjarja – Għoti ta' Tarmak

**vi.** Il-President reġa għal darb'oħra talab lill-Membri fi ħdan il-Kumitat Reġjonali Xlokk sabiex fil-Kunsilli rispettivi tagħhom jiddiskutu jekk kenux jaqblu li r-Reġjun Xlokk jerġa joħroġ tender waħda għal *street lighting* u jekk bħala Kunsill kenux interessati li jissieħbu fih. Il-President fakkar li l-kuntratt attwali kien wasal biex jiskadi u għaldaqstant kelna nibdew naħsbu għal ħruġ ta' tender ġdida. Tender Street Lighting

**vii.** Il-President nforma lill-Kumitat li kienet ser issir xi laqgħa mal-MEUSAC fir-rigward tal-fondi hekk imsejħa *Norway Grants*. Norway Grants

## 10.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tar-Rappreżentanti;

**i.** Is-Sindku taż-Żejtun qalet li l-Awdituri tagħhom kienu għal darb'oħra qajmu l-punt dwar il-kera tal-bini tat-Tribunal Lokali taz-Zejtun għall-fatt li qatt ma' kien sar kuntratt. Il-President qalilha sabiex tiċċekkja x'dokumenti kien hemm mis-Sindku ta' qabilha u fil-każ qabel ma tagħlaq is-sena jaraw x'ser jagħmlu sabiex isir dan il-kuntratt. Kuntratt Kiri Tribunal Zejtun

**ii.** Is-Sindku taż-Zejtun is-Sra. Doris Abela staqsiet kif kienu ser jibqgħu l-Kunsilli fir-rigward tal-Liġi l-ġdida tad-Data Protection. Il-President weġibha li waqt laqgħa li kienet saret fil-bini tal-AKL minn Uffiċċjal tad-Data Protection fejn preżenti kien hemm ukoll id-Direttur Ġenerali s-Sur Natalino Attard, id-Direttur DLG Strategy and Policy Implementation s-Sra Marisa Pisani kif ukoll l-President tal-AKL is-Sur Mario Fava kien ġie propost li jinħarġu linji gwida għall-Kunsilli Lokali. Data Protection Act

**iii.** Is-Sra Alison Zerafa Civelli Sindku ta' Bormla nfurmat lill-President u l-membri preżenti tal-Kumitat Reġjonali Xlokk li bħala tniedija tal-Pjan Ta' Riġenerazzjoni għall-Kottonera kien diġa kellhom diversi laqgħat. Qalet li f'dawn il-laqgħat kien ġie spjegat lilhom li kienu qed jiġu allokati madwar €32 miljun bħala fondi għal dan il-għan. Qalet li kull Kunsill kellu jressaq il-proposti u l-prijoritajiet tiegħu għall-progetti bit-temi kellhom ikunu marbgħuta mas-soċjal, mal-ekonomija, l-investiment u l-wirt storiku. Żiedet tispjega li l-uniku aspett negattiv f'dan kollu kien in-nuqqas ta' attendenza mill-Kunsillieri. Riġenerazzjoni tal-Kottonera

**iii.i** Il-President is-Sur Paul Farrugia nforma lis-Sinjuri membri li l-Onor. Glenn Beddingfield kien iltaqa' saħansitra miegħu bħala President tar-Reġjun Xlokk fejn ukoll kien ġie diskuss il-Pjan Ta' Riġenerazzjoni għall-Kottonera. Żied jgħid il-President li għal dawn il-laqgħat kien hemm ukoll preżenti l-Konsulent tal-istess Reġjun Xlokk.

**iv.** Il-President nforma lill-Kumitat li rigward il-proposta tal-Kunsillier tal-Birgu s-Sur Lawrence Attard fejn dan kien issuġġerixxa li ssir polza tal-assikurazzjoni waħda għall-vetturi kummerċjali kollha taħt ir-responsabbilita' tal-Kunsilli Lokali li jiffurmaw parti minn dan l-istess Reġjun Xlokk, fil-futur qarib kien ser jiċċekja ma kull Kunsill kemm -il wieħed għandu vettura kummerċjali proprjeta tiegħu. Polza ta' Assikurazzjoni-vetturi tal-Kunsilli fir-Reġjun Xlokk

**10.5 Rapporti**

**i.** Ma kienx hemm rapporti biex jiġu mgħoddija fil-laqgħa.

**10.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti Nru. 80/2018**

i. L-Iskeda tal-Pagamenti 80/2018 giet approvata u giet iffirmata wkoll minn żewġ membri tal-Kumitat, mill-President u mill-A/Segretarju Eżekuttiv.

ii. Il-President informa lill-Kumitat li kienu għadhom qed jinħarġu u jintbgħatu xi pagamenti nkluż l-10% tal-LES dovuti lill-Kunsilli Lokali. Il-Kumitat preżenti unanimament approva li jinħarġu u jintbgħatu dawn il-pagamenti speċjalment l-10% dovuti lill-Kunsilli Lokali.

**10.7 Mozzjonijiet**

Ma kienx hemm Mozzjonijiet imressqa sa mhux iktar tard minn 6 ijiem mid-data ta' din il-laqgħa.

**10.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

i. Il-laqgħa ntemmet fi 19:00hrs

ii. Laqgħa oħra kienet ser tinżamm nhar **it-Tlieta 26 ta' Ġunju 2018 fil-5:30pm**

| | |
|---|---|
| (IFFIRMATA) | (IFFIRMATA) |
| *Kav. Paul Farrugia*<br>*President* | *Antonella Galea*<br>*A/ Seg. Eżek* |